# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111   Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt   Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fis-Sala tal-Komunita' nhar Ħamis 30 ta' Jannar 2014 fis- 6.30 p.m.***

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Ambaxxatriċi Żgħażugħa** | Michelle Camilleri |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Membri mill-Pubbliku** | 6 |

## 1 Ftuħ tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2014

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-6.41 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba. Is-Sindku fetaħ din l-laqgħa billi rringrazzja lil dawk preżenti talli laqgħu l-istedina li kien għamlilhom il-Kunsill u attendew għal din il-laqgħa.

## 2 Qari tar-Rapport Amministrattiv 2013

2.1 Is-Sindku qara r-Rapport Amministrattiv fejn ta rendikont tal-ħidma li wettaq il-Kunsill fit-12-il xahar li għalqu fil-31 ta' Diċembru 2013 kif ukoll ta' dettalji tal-progetti u l-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li bdiet fl-1 ta' Jannar 2014. Huwa qal li dan ir-rapport se jkun imtellgħa fuq il-*website* tal-Kunsill Lokali.

## 3 Spjega tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2014

3.1 Tqasmmu lill-pubbliku preżenti kopji tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2014. Is-Sindku spjega l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2014. Huwa spjega fid-dettal id-dħul u l-infieq li qed ikun proġettat mill-Kunsill Lokali għas-sena finanzjarja li bdiet aktar kmieni dan ix-xahar.

## 4 Mistoqsijiet jew Suġġerimenti mill-Pubbliku

4.1 Membru A staqsa dwar il-qtugħ tad-dawl ta' spiss fl-inħawi fejn joqgħod huwa. Is-Sindku spjega li l-Enemalta kienu infurmawna li fi Triq Santa Katarina se jgħaddi *cable* ġdid tad-dawl sabiex tissaħħaħ il-provista tad-dawl fl-inħawi. Ix-xogħol suppost ser jibda fil-jiem li ġejjin.

4.2 Membru B irringrazzjat il-Kunsill għall-attivitajiet li kien qiegħed jorganizza. Ġibdet l-attenzjoni peress li fil-lokalita` m'hemmx ATM. Ilmentat li fil-lokalita' qiegħed isir *parking* ħazin u bl-addoċċ u li hemm bżonn li jinħarġu iżjed multi f'dan ir-rigward. Semmiet ukoll in-nuqqas ta' Pulizija u Gwardjani Lokali. Issuġġeriet li jingħataw multi għal dawk ir-resident li jitfgħu skart bl-addoċċ jew joħorġuh barra mhux fil-ħin stipulat. Issuġġeriet li fejn hemm il-*Bring-in-Site*, jitnaddaf aktar regolarment. Semmiet ukoll in-nuqqas ta' spazji għall-*parking* fejn il-*Ground* tal-*Football*. Issuġġeriet li l-Kunsill jikkonsidra l-iskema tar-*residents parking* ma naħa waħda tat-triq. Hija ġibdet l-attenzjoni li m'hemmx *letter box* fi Triq San Gwann.

Is-Sindku spjega li l-gwardjani lokali qegħdin jagħtu servizz b'mod regolari fir-raħal tagħna u mir-*records* jidher li dawn qegħdin jagħmlu *enforcement*. Il-Pulizija ser jiġu mitluba sabiex huma ukoll jagħmlu aktar sorveljanza fil-lokalita`. Rigward in-nuqqas ta' spazji għall-ipparkjar ta' vetturi ftit li xejn hemm x'jista' jsir u jidher li din il-problema ser tkompli tiżdied għaliex aktar djar qegħdin jitwaqqgħu u flokhom jinbnew appartamenti. Rigward il-bżonn li titwaħħal ATM is-Sindku spjega li bħala Kunsill konna offrejna lill-banek kollha spazju mingħajr ħlas fejn tista' titwaħħal l-ATM imma s'issa l-ebda bank ma aċċetta li jwaħħal ATM. Rigward ir-*Residents Parking Scheme* s-Sindku qal li TM kienu qegħdin jirrevedu l-*policy* dwar dawn l-iskemi. Ukoll fir-raħal m'hawnx ħafna attivita` kummerċjali u prattikament il-problema ta' nuqqas ta' spazji hi minħabba vetturi tar-residenti u għalhekk skema bħala din ma tantx ser tkun effettiva. Rigward it-twaħħil ta' *letter box* hu qal li bħala Kunsill konna ressaqna t-talba lill-Maltapost imma ma ġietx aċċettata anzi dawn neħħew waħda mill-*letterboxes* li kellna fir-raħal.

4.3 Membru C rringrazzja lill-Kunsill tax-xogħol siwi li jagħmel. Huwa nnota li nhar ta' Ħadd meta r-residenti jattendu għall-quddies ta' l-10.30 ta' filgħodu, dawn ma tantx isibu fejn jipparkjaw u ġeneralment jiġi gwardjan dak il-ħin u jagħti ċitazzjonijiet speċjalment lill-vetturi li jkunu pparkjati maz-*zebra crossing*. Is-Sindku nfurma li ħdejn *zebra crossing* wieħed irid iżomm ċerta distanza. Hu qal ukoll li din iż-*zebra crossing* saret skont il-gwidi tat-Transport Malta. Dan il-membru staqsa għalfejn il-*Bring-in-Site* ma baqgħetx fejn kienet. Is-Sindku nforma lir-resident li l-post inbidel peress li kien daħlu ħafna ilmenti kif ukoll Wasteserv kien wegħedu li ser issir *Underground Bring in Site*.

4.4 Membru B ġibdet l-attenzjoni rigward it-tlett ħruġ mir-raħal li huma Triq il-Gnien, Triq San Ġwann u Triq in-Naxxar u l-volum kbir ta' traffiku li qed ikun hemm. Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu ħafna jitlob li Triq il-Ġnien titwessa jew inkella jigu installati *Stop/GO traffic lights*. Rigward Triq San Gwann il-Kunsill talab lit-TM sabiex isiru sinjali ħdejn ir-*roundabout* tal-*Bypass* ta' Birguma iżda din it-talba ġiet rifjutata minn TM. Dwar it-twessigħ ta' Triq Santa Katerina il-Kunsill kiteb lill-MEPA dwar l-iżvilupp li qed isir kif ukoll il-ħajt li qed jinbena u l-MEPA wieġbet li dan il-ħajt qed isir kif suppost u s-sid ma għandu l-ebda obbligu li jwessa' t-triq. Dwar Triq Naxxar, il-Kunsill kien talab ukoll lit-TM sabiex din it-triq tintuża mir-residenti biss f'ċerti ħinijiet imma TM ma qablitx ma din il-proposta.

4.5 Membru D xtaqet tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar it-triq ta' ħdejn il-barriera ta' Birguma li hi fi stat ħażin kif ukoll kemm il-darba ikun hemm abbużi ta' rimi ta' skart fil-wied.

Is-Sindku wieġeb li din it-triq tifforma parti mill-lokalita' tan-Naxxar u kemm il-darba konna ġbidna l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar dwar dawn in-nuqqasijiet u ser inkomplu nagħmlu hekk. Is-Sinjura ġibdet l-attenzjoni dwar Sqaq il-Ħofra li fih qiegħed isir ħafna żvilupp. Is-Sqaq hu fi stat ħażin u minnu jgħaddi ħafna ilma. Is-Sindku nforma li TM kienu ikkonfermaw li huma ser jibnu parti mill-isqaq. Bħala Kunsill konna lesti li ninfinanzjaw l-iżvilupp tal-kumplament tal-isqaq.

4.6 Membru B ġibdet l-attenzjoni dwar korrespondenza tal-Enemalta lil Kunsill fejn il-*customer care* tal-Enemalta kienu avżaw li m'hemmx għalfejn li jintbagħtu *reminders* dwar bozoz li jkunu ġew irrappurtati bil-ħsara qabel jgħaddu 3 ġimgħat minn meta jkun sar l-ewwel rapport. Is-Sindku wieġeb li mhux aċċettabli li l-Enemalta ddum ma ssewwi bozza maqtugħa 3 gimghat jew aktar. Il-kuntrattur tal-Kunsill ġeneralment isewwi l-bozoz fi żmien 5 ġranet ta' xogħol.

4.7 Membru C talab sabiex ikun jista' jara l-*management accounts* tal-Kunsill. Is-Sindku infurmah li dawn huma aċċessibbli għall-kulħadd minn fuq il-*website* tal-Kunsill.

**5 Konklużjoni**

5.1 Is-Sindku rringrazzja lir-residenti, lil-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, lill Ambaxxtriċi Żgħażugħa u lis-SE u nforma lill-pubbliku preżenti li l-Kunsill ħa nota ta' kull ilment/suġġeriment.

5.2 Il-laqgħa intemmet fit-8.11 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **30 ta' Jannar 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |